DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/970

tat-22 ta' Frar 2019

dwar l-għodda li l-applikanti jistgħu jiċċekkjaw l-istatus tal-applikazzjonijiet tagħhom kif ukoll il-perjodu ta' validità u l-istatus tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tagħhom biha, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 ([1]), u wara li kkunsidrat b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 stabbilixxa Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) bħala sistema, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma eżentati mill-obbligu li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni. L-ETIAS stipulat il-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex tinħareġ jew tiġi miċħuda awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar.

(2) Jenħtieġ li l-applikanti għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS, id-detenturi ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, il-persuni li l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS tagħhom ġiet irrifjutata, irrevokata jew annullata kif ukoll il-persuni li l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS tagħhom tkun skadiet u jkunu taw il-kunsens biex id-*data* tagħhom tinżamm f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 (iktar 'il quddiem l-"applikant"), ikunu jistgħu jivverifikaw l-istatus tal-applikazzjoni tagħhom u jiċċekkjaw il-perjodu ta' validità u l-istatus tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tagħhom.

(3) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistipula l-kundizzjonijiet li fihom l-applikanti jistgħu jivverifikaw l-istatus tal-applikazzjonijiet tagħhom u jiċċekkjaw il-perjodu ta' validità u l-istatus tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tagħhom permezz ta' għodda apposta.

(4) Jenħtieġ li l-għodda ta' verifika tkun aċċessibbli permezz tas-sit web pubbliku apposta, permezz tal-applikazzjoni għal apparati mobbli u permezz ta' iperlink sigur. Dan l-iperlink għall-għodda ta' verifika jenħtieġ li jintbagħat lill-indirizz tal-posta elettronika tal-applikant meta l-applikant jiġi informat bir-rikonoxximent tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni jew bil-ħruġ, ir-revoka jew l-annullament ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, f'konformità mal-Artikolu 19(5), l-Artikolu 38(1)(a), l-Artikolu 42(a) u l-Artikolu 44(6)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

(5) Jenħtieġ li bl-għodda ta' verifika tkun tista' tiġi kkonfermata l-identità tal-applikant. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti ta' awtentikazzjoni biex tiġi aċċessata l-għodda ta' verifika. Jenħtieġ li l-applikanti jissottomettu d-*data* għall-awtentikazzjoni tagħhom. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti l-outputs tal-għodda ta' verifika, li l-applikant ikun jista' jivverifika l-istatus tal-applikazzjoni tiegħu u jiċċekkja l-perjodu ta' validità u l-istatus tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tiegħu bihom.

(6) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-kanali ta' komunikazzjoni tal-għodda ta' verifika mas-Sistema Ċentrali tal-ETIAS. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-format tal-messaġġ, l-istandards u l-protokolli kif ukoll ir-rekwiżiti tas-sigurtà.

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, peress li r-Regolament (UE) 2018/1240 jimxi fuq il-passi tal-*acquis* ta' Schengen, fil-21 ta' Diċembru 2018, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, innotifikat id-deċiżjoni tagħha li timplimenta r-Regolament (UE) 2018/1240 fil-liġi nazzjonali tagħha.

([1]) ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

(8) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li r-Renju Unit ma jieħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE ([3]); għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(9) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tieħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([4]); għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(10) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([5]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([6]).

(11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([7]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([8]).

(12) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([9]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([10]).

(13) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat fit-28 ta' Jannar 2019 u ppreżenta opinjoni fit-8 ta' Frar 2019,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Aċċess għall-għodda ta' verifika

1. L-applikanti għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS, id-detenturi ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, il-persuni li l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS tagħhom tkun ġiet irrifjutata, irrevokata jew annullata kif ukoll il-persuni li l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS tagħhom tkun skadiet u jkunu taw il-kunsens biex id-*data* tagħhom tinżamm f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 (iktar 'il quddiem l-"applikant") għandu jkollhom aċċess għall-għodda ta' verifika.

2. L-għodda ta' verifika għandha tkun aċċessibbli b'dawn li ġejjin:

(a) is-sit web pubbliku apposta;

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

([5]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([7]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([9]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

(b) l-applikazzjoni għall-apparati mobbli msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1240;

(c) iperlink ipprovdut permezz tas-servizz tal-posta elettronika tal-ETIAS imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240. Dan l-iperlink għandu jintbagħat meta l-applikant jiġi informat bir-rikonoxximent tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni jew bil-ħruġ, ir-revoka jew l-annullament ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, f'konformità mal-Artikolu 19(5), l-Artikolu 38(1)(a), l-Artikolu 42(a) u l-Artikolu 44(6)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

L-Artikolu 2

L-awtentikazzjoni b'żewġ fatturi meħtieġa biex tiġi aċċessata l-għodda ta' verifika

1. Sabiex issir konnessjoni mal-għodda ta' verifika għandha tintuża l-awtentikazzjoni b'żewġ fatturi.

2. Bħala parti mill-ewwel awtentikazzjoni għandha tiddaħħal id-*data* li ġejja:

(a) in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar;

(b) il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar, li jrid jintgħażel minn lista prestabbilita;

(c) l-indirizz tal-posta elettronika.

3. Id-*data* sottomessa mill-applikant għandha tkun l-istess bħal dik mogħtija minnu fil-formola tal-applikazzjoni tiegħu.

4. It-tieni awtentikazzjoni għandha tikkonsisti f'kodiċi uniku li għandu jiddaħħal fl-għodda ta' verifika biex tiġi kkonfermata l-awtentikazzjoni.

5. Wara li tiġi sottomessa l-informazzjoni indikata fil-paragrafu 2, għandu jiġi ġġenerat awtomatikament il-kodiċi uniku li jintbagħat lill-applikant permezz tas-servizz tal-posta elettronika msemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

6. Il-kodiċi uniku għandu jiskadi wara perjodu qasir ta' żmien. Jekk jintbagħat kodiċi uniku ġdid, il-kodiċijiet uniċi li jkunu ntbagħtu qabel lill-istess applikant għandhom isiru invalidi.

7. Il-kodiċi uniku għandu jintbagħat fuq l-istess indirizz tal-posta elettronika indikat fl-applikazzjoni sottomessa.

8. Il-kodiċi uniku għandu jkun jista' jintuża darba biss.

Artikolu 3

Output tal-għodda ta' verifika

1. Wara l-awtentikazzjoni biex tiġi aċċessata l-għodda, l-applikanti għandhom jaraw l-istatus tal-applikazzjonijiet jew tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar marbuta man-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom.

2. L-għodda ta' verifika għandha tipprovdi waħda mill-kategoriji ta' status li ġejjin għal kull applikazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar marbuta man-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar:

(a) "sottomessa";

(b) "valida";

(c) "rifjutata";

(d) "annullata";

(e) "revokata";

(f) "skaduta".

3. Fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar validi kollha, l-għodda ta' verifika għandha tindika d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar.

4. F'każ ta' validità territorjali limitata, l-applikant għandu jiġi informat dwar l-Istat Membru/i li l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar hija valida għalih(om). Din l-informazzjoni għandha tidher f'post prominenti fl-għodda ta' verifika.

5. Fl-għodda ta' verifika għandha tidher ċaħda ta' responsabbiltà li tindika li awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar valida m'għandhiex tikkonferixxi dritt awtomatiku ta' dħul jew soġġorn, skont l-Artikolu 36(6) tar-Regolament (UE) 2018/1240. Din iċ-ċaħda ta' responsabbiltà għandha tistieden ukoll lill-applikanti biex jikkonsultaw is-servizz web tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES, Entry/Exit System) imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226, li għandu jiġi indikat b'mod ċar biex tinkiseb iktar informazzjoni dwar il-perjodu li fadal tas-soġġorn awtorizzat.

Artikolu 4

Rekwiżiti tal-estrazzjoni tad-data

1. L-għodda ta' verifika għandha tagħmel użu minn bażi ta' *data* separata li tinqara biss u li tiġi aġġornata wara ftit minuti permezz ta' estrazzjoni f'direzzjoni waħda tas-subsett minimu ta' *data* maħżuna fl-ETIAS neċessarja għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 3 ta' din id-Deċiżjoni.

2. eu-LISA għandha tkun responsabbli mis-sigurtà tal-għodda ta' verifika, mis-sigurtà tad-*data* personali li jkun fiha u mill-proċess ta' estrazzjoni tad-*data* personali fil-bażi ta' *data* separata li tinqara biss.

Artikolu 5

Format tal-messaġġ, standards u protokolli

Il-format tal-messaġġ u l-protokolli li jridu jiġu implimentati għandhom jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

Artikolu 6

Kunsiderazzjonijiet speċifiċi relatati mas-sigurtà

1. L-għodda ta' verifika għandha titfassal u tiġi implimentata biex tiżgura l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tad-*data* pproċessata u tiżgura n-nonripudju tat-tranżazzjonijiet. L-implimentazzjoni teknika u organizzattiva tagħha għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-pjan ta' sigurtà tal-ETIAS imsemmi fl-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240 u tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà applikabbli għas-sit web pubbliku u għall-applikazzjoni għal apparati mobbli msemmija fl-Artikolu 16(10) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

2. L-għodda ta' verifika għandha titfassal b'mod li timpedixxi l-aċċess illegali għall-għodda ta' verifika. Għal dan il-għan l-għodda ta' verifika għandha tillimita l-għadd ta' tentattivi biex tiġi aċċessata l-għodda bl-istess dokument tal-ivvjaġġar u kodiċi uniku. L-għodda għandha tinkludi wkoll miżuri li jipproteġu kontra mġiba mhux umana.

3. L-għodda ta' verifika għandha tinkludi wkoll miżuri ta' ħruġ awtomatiku wara ftit minuti ta' inattività.

4. Dettalji addizzjonali dwar il-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà ta' *data* pproċessata għandhom jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

Artikolu 7

Logs

1. L-għodda ta' verifika għandha tikkonserva logs tal-attività, li jinkludu:

(a) id-*data* tal-awtentikazzjoni, inkluż jekk l-awtentikazzjoni rnexxietx jew le;

(b) id-data u l-ħin tal-aċċess.

2. Il-logs tal-attività tal-għodda għandhom jiġu kkupjati fis-Sistema Ċentrali. Dawn għandhom jinħażnu għal mhux iktar minn sena wara t-tmiem tal-perjodu taż-żamma tal-fajl ta' applikazzjoni, sakemm ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu bdew diġà. Wara dan il-perjodu għandhom jitħassru awtomatikament.

Dawn il-logs jistgħu jintużaw biss għall-fini tal-Artikolu 69(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER